MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2014

Numru 80/2014

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Haber**

**vs**

**Salim Salman Lazgeen Haweri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Salim Salman Lazgeen Haweri ta' nazzjonalita' Iraqina, imwieled l-Iraq, fl-1 ta' Jannar 1991, iben Salim u Khonav u detentur tal-passaport A4513124 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fl-20 ta' Jannar 2014 f'dawn il-gżejjer iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'Passaport, u Permess għar-Residenza jew uża jew kellhu fil-pussess tiegħu xi Passaport u Permess għar-Residenza li hu kien jaf li ġew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f'ismu stess, bin-numri A4513124 u D38133776 rispettivament (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta).

Matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta)

Matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew reġistrazzjonijiet magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1d) tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta' Jannar 2014 (esebit a fol. 2 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2014 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-21 ta' Jannar 2014 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat il-fatt li ghandu fedina penali nadifa u kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet u fic-cirkostanzi ma jidrilhiex li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 17 u 189 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tnax(12)-il xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ sentejn(2) millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------